MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru. 957/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dr.Mario Cuschieri)**

**vs**

**Sebastiano Brunno**

**Kumpilazzjoni Nru: 957/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sebastiano Brunno, ta’ 56 sena, iben Pietro u Santa nee’ Saccuzzo, ta’ cittadinanza Taljana u imwieled fit-3 ta’ Settembru, 1958 f’Lentili, f’Siracusa, fi Sqallija, fl-Italja u residenti f’Via Eschilio, Numru 16, Carlentini, f’Siracusa u minghajr residenza fissa f’Malta.

U akkuzat talli fit-2 ta’ Ottubru, u fil-granet ta’ qabel f’Malta,

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport (karta ta’ l-identita’ Taljana) jew uza jew kellu ghandu passaport (karta ta’ l-identita’ Taljana) li huwa jaf li gie iffalsifikat, imbdillel jew li sar tibdil fih.
2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.
3. Iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta’ dokument jew registrazzjoni.

Rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet Ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien imfittex mill-awtoritajiet kompetenti Taljani in segwitu ghal sentenza mghotija fil-konfront tieghu dwar attentat ta’ omicidju u/jew omicidju permezz ta’ liema sentenza huwa gie kundannat ghomor habs. Ghal dan il-ghan intalab u nhareg mandat ta’ arrest fir-rigward ta’l-imputat liema mandat gie esegwiet hawn Malta.

Illi meta l-pulizija, hawn Malta, arrestaw lill-imputat in forza tal-mandat t’arrest fuq imsemmi, fuq il-persuna ta’ l-imputat instabet karta ta’ identita Taljana; din il-karta ta’ identita kellha ritratt ta’l-imputat pero l-konnotati u d-dettalji l-ohra f’din il-karta ta’ identita ma kienux dawk ta’l-imputat.

Illi jirrizulta ukoll li dan id-dokument huwa kompletament falsifikat fis-sens li mhux biss juri r-ritratt ta’ l-imputat Sebastiano Brunnu b’konnotati u dettalji li mhux tieghu, imma laqas huwa karta ta’ identita awtentika.

Illi dawn il-fatti huma ammessi mill-imputat f’l-istqarrija tieghu. F’din l-istqarrija huwa jghid ukoll li dik l-karta ta’ identita ma jafx minn ghamilha imma talabha hu; in oltre jghid li kien hu li iffirma l-isem Natale La Modica f’dik il-karta ta’ identita.

Ikkunisdrat

Illi ghalkemm jirrizulta li ma kienx l-imputat innifsu li ffalsifika dik il-karta ta’ identita, kien hu li ta l-ordni biex tinghatalu karta ta’ identita falsifikata ghalhekk huwa ghandu jitqies bhala komplici ma’l-awtur ta’ dik il-falsifikazzjoni fit-termini ta’l-artikolu 42(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi in oltre jirrizulta mhux kontestat li din il-karta ta'l-identita kienet fil-pussess ta' l-imputat u li din kienet l-unika dokument ta' identifikazzjoni li kellu a dispozizzjoni tieghu u li seta' uza hawn Malta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat jirrizultaw, b'dan li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, li tirreferi biss ghall-falsifikazzjoni tal-karta ta' l-identita in ezami, l-imputat ghandhu jinsab hati bhala komplici.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-kondotta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 42(a) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni qed jinstab hati bhala komplici, u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------